# GRUPP TA' ĦIDMA TAL-ARTIKOLU 29 DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA

**17/MT**

**WP 248 rev.01**

**Linji Gwida dwar Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Dejta (Data Protection Impact Assessment, DPIA) u determinazzjoni dwar jekk l-ipproċessar "x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli" għall-finijiet tar-Regolament 2016/679**

**Adottati fl-4 ta' April 2017**

**Kif Riveduti u Adottati l-aħħar fl-4 ta' Ottubru 2017**

Dan il-Grupp ta' Ħidma twaqqaf skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE. Huwa grupp konsultattiv Ewropew indipendenti dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza. Il-kompiti tiegħu huma deskritti fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 95/46/KE u fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58/KE.

Is-segretarjat huwa pprovdut mid-Direttorat C(Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza tal-Unjoni) tal-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali tal-Ġustizzja, B-1049, Brussell, il-Belġju, l-Uffiċċju Nru MO-59 03/075.

Sit web: http://ec.europa.eu/justice/data-protection/index_en.htm

**IL-GRUPP TA' ĦIDMA GĦALL-PROTEZZJONI TA' INDIVIDWI FL-IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI**

stabbilit mid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995,

wara li kkunsidra l-Artikoli 29 u 30 tagħha,

wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

**ADOTTA DAWN IL-LINJI GWIDA:**

# Werrej


**I. INTRODUZZJONI ....... 4**

**II. AMBITU TAL-LINJI GWIDA ....... 5**

**III. DPIA: IR-REGOLAMENT SPJEGAT ....... 7**

A. X'TINDIRIZZA DPIA? OPERAZZJONI TA' PPROĊESSAR JEW SETT TA' OPERAZZJONIJEIT TA' PPROĊESSAR. ....... 8

B. LIEMA OPERAZZJONIJIET TA' PPROĊESSAR HUMA SOĠĠETTI GĦAL DPIA? APPARTI L-EĊĊEZZJONIJIET, META "*X'AKTARX JIRRIŻULTA F'LIVELL GĦOLI TA' RISKJU*". ....... 9

*a) Meta tkun obbligatorja d-DPIA? Meta l-ipproċessar "x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju". ....... 9*

*b) Meta ma tkunx meħtieġa DPIA? Meta l-ipproċessar x'aktarx ma jkunx "jirriżulta f'livell għoli ta' riskju", jew tkun teżisti DPIA simili, jew ikun ġie awtorizzat qabel Mejju 2018, jew ikollu bażi ġuridika, jew ikun fil-lista ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li għalihom ma tkunx meħtieġa DPIA. ....... 14*

C. U XI NGĦIDU GĦAL OPERAZZJONIJIET TA' PPROĊESSAR DIĠÀ EŻISTENTI? F'XI ĊIRKUSTANZI HUMA MEĦTIEĠA D-DPIAS. . 15

D. KIF ISSIR DPIA? ....... 15

*a) F'liema mument jinħtieġ li ssir DPIA? Qabel l-ipproċessar. ....... 15*

*b) Min hu obbligat jagħmel id-DPIA? Il-kontrollur, mal-UPD umal-proċessuri. ....... 16*

*c) X'inhi l-metodoloġija biex issir id-DPIA? Metodoloġiji differenti iżda kriterji komuni. ....... 17*

*d) Hemm obbligu li tiġi ppubblikata d-DPIA? Le, iżda l-pubblikazjoni ta' sommarju jista' jrawwem fiduċja, u d-DPIA sħiħa trid tintbagħat lill-awtorità superviżorja f'każ ta' konsultazzjoni preċedenti jew jekk mitlub mid-DPIA. ....... 20*

E. META TIĠI KKONSULTATA L-AWTORITÀ SUPERVIŻORJA? META R-RISKJI RESIDWI JKUNU GĦOLJIN. ....... 20

**IV. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET ....... 21**

**ANNESS 1 – EŻEMPJI TA' OQFSA EŻISTENTI TAL-UE TA' DPIA ....... 23**

**ANNESS 2 – KRITERJI GĦAL DPIA AĊĊETTABBLI ....... 24**

## I. Introduzzjoni

Ir-Regolament 2016/679[1] (General Data Protection Regulation, GDPR) se japplika mill-25 ta' Mejju 2018. L-Artikolu 35 tal-GDPR jintroduċi l-kunċett ta' Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Dejta (Data Protection Impact Assessment, DPIA[2]), bħal kif tagħmel id-Direttiva 2016/680[3].

Id-DPIA hija proċess imfassal biex jiddeskrivi l-ipproċessar, jivvaluta l-ħtieġa u l-proporzjonalità tiegħu u jgħin iġestixxi r-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi li jirriżultaw mill-ipproċessar tad-dejta personali[4] billi jivvalutahom u jiddetermina l-miżuri biex jindirizzahom. Id-DPIAs huma għodod importanti għall-akkontabilità billi jgħinu lill-kontrolluri mhux biss jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-GDPR, iżda anki biex juru li ttieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata konformità mar-Regolament (ara wkoll l-Artikolu 24)[5]. Fi kliem ieħor, **id-DPIA hija proċess biex tinbena u tintwera konformità**.

Skont il-GDPR, nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tad-DPIA jista' jwassal għal finijiet imposti mill-awtorità superviżorja kompetenti. Jekk ma ssirx id-DPIA meta l-ipproċessar ikun soġġett għal DPIA (l-Artikolu 35(1) u (3)-(4)), jekk issir id-DPIA b'mod inkorrett (l-Artikolu 35(2) u minn (7) sa (9)), jew jekk ma tiġix ikkonsultata l-awtorità superviżorja kompetenti meta dan ikun meħtieġ (l-Artikolu 36(3)(e)), dan jista' jirriżulta f'multa amministrattiva ta' massimu ta' EUR 10 miljun, jew fil-każ ta'

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta).

[2] It-terminu "Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Privatezza" (Privacy Impact Assessment, PIA) huwa ta' spiss użat f'kuntesti oħra biex jirreferi għall-istess kunċett.

[3] L-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-invesigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, jiddikjara wkoll li tinħtieġ valutazzjoni tal-impatt fuq il-privatezza billi l-ipproċessar "*x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi*".

[4] Il-GDPR ma jiddefinixxix formalment il-kunċett ta' DPIA bħala tali, iżda

- il-kontenut minimu tagħha huwa speċifikat fl-Artikolu 35(7) kif ġej:
    - "*(a) deskrizzjoni sistematika tal-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti u l-iskopijiet tal-ipproċessar, inkluż fejn applikabbli l-interess leġittimu mfittex mill-kontrollur;*
    - *(b) valutazzjoni tal-bżonn u l-proporzjonalità tal-operazzjonijiet ta' pproċessar b'rabta mal-iskopijiet;*
    - *(c) valutazzjoni tar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta msemmija fil-paragrafu 1; u*
    - *(d) il-miżuri previsti biex jindirizzaw ir-riskji, inkluż is-salvagwardji, miżuri ta' sigurtà u mekkaniżmi li jiżguraw il-protezzjoni ta' dejta personali u li juru l-konformità ma' dan ir-Regolament, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-drittijiet u l-interessi leġittimi tas-suġġetti tad-dejta u persuni oħrajn ikkonċernati.*
- it-tifsira u r-rwol tagħha huma ċċarati fil-Premessa 84 kif ġej: "*Sabiex tissaħħaħ il-konformità ma' dan ir-Regolament fejn l-attivitajiet ta' pproċessar x'aktarx li jippreżentaw livell għoli ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, il-kontrollur għandu jkun responsabbli għat-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta biex jevalwa, b'mod partikolari, l-oriġini, in-natura, il-partikolarità u l-gravità ta' dak ir-riskju.*"

[5] Ara wkoll il-Premessa 84: "*L-eżitu tal-valutazzjoni għandu jiġi kkunsidrat meta jiġu stabbiliti l-miżuri adatti li għandhom jiġu meħuda biex jintwera li l-ipproċessar tad-dejta personali hu f'konformità ma' dan ir-Regolament.*"

impriża, massimu ta’ 2 % tal-fatturat annwali globali totali tas-sena finanzjarja preċedenti, skont liema tkun l-ogħla.

## II. Ambitu tal-Linji Gwida

Dawn il-Linji Gwida jqisu:

- id-Dikjarazzjoni 14/EN WP 218 tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Dejta [6];
- il-Linji Gwida 16/EN WP 243 tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 dwar l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta[7];
- l-Opinjoni 13/EN WP 203 tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Limitazzjoni tal-iskop[8];
- standards internazzjonali[9].

F’konformita mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju inkorporat fil-GDPR, it-twettiq ta’ DPIA mhuwiex obbligatorju għal kull operazzjoni ta’ pproċessar. Tinħtieġ DPIA biss meta l-ipproċessar ikun “*x’aktarx jirriżulta f’livell għoli ta’ riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi*” (l-Artikolu 35(1)). Sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni konsistenti taċ-ċirkustanzi li fihom DPIA tkun obbligatorja (l-Artikolu 35(3)), dawn il-linji gwida l-ewwel għandhom l-għan li jiċċaraw dan il-kunċett u jipprovdu kriterji biex il-listi jiġu adottati mill-Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-Dejta (Data Protection Authorities, DPAs) skont l-Artikolu 35(4).

Skont l-Artikolu 70(1)(e), il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (European Data Protection Board, EDPB) se jkun jista’ joħroġ linji gwida, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki sabiex iħeġġeġ applikazzjoni konsistenti tal-GDPR. L-iskop ta’ dan id-dokument huwa li jantiċipa din il-ħidma futura tal-EDPB u għaldaqstant jiċċara d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GDPR sabiex jgħin lill-kontrolluri jikkonformaw mal-liġi u biex jipprovdi ċertezza legali għall-kontrolluri li huma meħtieġa jagħmlu DPIA.

Dawn il-Linji Gwida jfittxu wkoll li jippromwovu l-iżvilupp ta’:

- lista tal-Unjoni Ewropea komuni ta’ operazzjonijiet ta’ pproċessar li għalihom ikun obbligatorju DPIA (l-Artikolu 35(4));
- lista tal-UE komuni ta’ operazzjonijiet ta’ pproċessar li għalihom ma tkunx meħtieġa DPIA (l-Artikolu 35(5));

[6] WP29 Statement 14/EN WP 218 on the role of a risk-based approach to data protection legal frameworks adopted on 30 May 2014.
http://ec.europa.eu/justice/data-protection/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2014/wp218_en.pdf?wb48617274=72C54532

[7] WP29 Guidelines on Data Protection Officer 16/EN WP 243 Adottati fit-13 ta’ Diċembru 2016.
http://ec.europa.eu/information_society/newsroom/image/document/2016-51/wp243_en_40855.pdf?wb48617274=CD63BD9A

[8] WP29 Opinion 03/2013 on purpose limitation 13/EN WP 203Adopted on 2 April 2013.
http://ec.europa.eu/justice/data-protection/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2013/wp203_en.pdf?wb48617274=39E0E409

[9] pereżempju ISO 31000:2009, *Risk management — Principles and guidelines*, Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (International Organization for Standardization, ISO) ; ISO/IEC 29134 (project), *Information technology – Security techniques – Privacy impact assessment – Guidelines*, Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO).

- kriterji komuni dwar il-metodoloġija biex issir DPIA (l-Artikolu 35(5));
- kriterji komuni biex jiġi speċifikat meta għandha tiġi kkonsultata l-awtorità superviżorja (l-Artikolu 36(1));
- rakkomandazzjonijiet, fejn possibbli, li jibnu fuq l-esperjenza miksuba fl-Istati Membri tal-UE.

## III. DPIA: ir-Regolament spjegat

Il-GDPR jeħtieġ kontrolluri biex jimplimentaw miżuri xierqa li jiżguraw u jkunu kapaċi juru konformità mal-GDPR meta wieħed iqis, fost affarijiet oħra, "ir-riskji ta' probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi" (l-Artikolu 24 (1)). L-obbligu li l-kontrolluri jagħmlu DPIA f'ċerti ċirkustanzi jinħtieġ li jinftiehem fil-konfront tal-obbligi ġenerali tagħhom li jiġġestixxu r-riskji [10] ppreżentati mill-ipproċessar ta' dejta personali b'mod xieraq.

"Riskju" huwa xenarju li jiddeskrivi avveniment u l-konsegwenzi tiegħu f'termini ta' severità u probabbiltà. "Ġestjoni tar-riskju", min-naħa l-oħra, jista' jiġi definit bħala l-attivitajiet koordinati biex tiġi diretta u kontrollata organizzazzjoni fir-rigward tar-riskju.

L-Artikolu 35 jirreferi għal riskju għoli probabbli "għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi". Kif indikat fid-Dikjarazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Dejta dwar ir-rwol ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju f'oqfsa legali għall-protezzjoni tad-dejta, ir-referenza tad-"drittijiet u l-libertajiet" tas-suġġetti tad-dejta tikkonċerna l-aktar id-drittijiet għall-protezzjoni tad-dejta u għall-privatezza iżda tista' tinvolvi wkoll drittijiet fundamentali oħra bħal-libertà tal-kelma, il-libertà tal-ħsieb, il-libertà tal-moviment, id-dritt għal-libertà, għall-kuxjenza u għar-reliġjon.

F'konformità mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju inkorporat fil-GDPR, it-twettiq ta' DPIA mhuwiex obbligatorju għal kull operazzjoni ta' pproċessar. Minflok, tinħtieġ DPIA biss meta tip ta' pproċessar ikun "x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi" (l-Artikolu 35(1)). Madankollu, is-sempliċi fatt li l-kundizzjonijiet li jiskattaw l-obbligu li ssir DPIA ma ġewx issodisfati ma jnaqqasx l-obbligi ġenerali tal-kontrolluri biex jimplimentaw miżuri biex iġestixxu r-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta b'mod xieraq. Fil-prattika, dan ifisser li l-kontrolluri jridu jivvalutaw kontinwament ir-riskji maħluqa mill-attivitajiet ta' pproċessar tagħhom sabiex jidentifikaw meta tip ta' pproċessar "x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi".

[10] Ta' min jenfasizza li sabiex iġestixxu r-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, ir-riskji jridu jiġu identifikati, analizzati, stmati, evalwati, trattati (pereżempju mitigati...), u rieżaminati b'mod regolari. Il-kontrolluri ma jistgħux jaħarbu mir-responsabbiltà tagħhom billi jkopru riskji skont politiki tal-asigurazzjoni.

Din il-grafika turi l-prinċipji bażiċi relatati mad-DPIA fil-GDPR:




A. <u>X'tindirizza DPIA? Operazzjoni ta' pproċessar jew sett ta' operazzjonijiet ta' pproċessar.</u>

**Id-DPIA tista' tikkonċerna operazzjoni ta' pproċessar unika**. Madankollu, l-Artikolu 35(1) jiddikjara li "*valutazzjoni waħda tista' tindirizza sett ta' operazzjonijiet tal-ipproċessar simili li jippreżentaw riskji għolja simili*". Il-Premessa 92 żżid li "*hemm ċirkostanzi li taħthom jista' jkun raġonevoli u ekonomiku li s-suġġett ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta jkun usa' minn proġett wieħed, pereżempju fejn l-awtoritajiet jew il-korpi pubbliċi jkollhom l-intenzjoni li jistabbilixxu applikazzjoni jew pjattaforma ta' pproċessar komuni jew fejn diversi kontrolluri jippjanaw li jintroduċu applikazzjoni jew ambjent ta' pproċessar komuni f'settur jew taqsima industrijali jew għal attività orizzontali li tintuża b'mod wiesa'*".

**DPIA unika tista' tintuża biex tivvaluta operazzjonijiet ta' pproċessar multipli li huma simili** f'termini tan-natura, l-ambitu, il-kuntest, l-iskop, u r-riskji. Id-DPIAs għandhom l-għan li jistudjaw sitwazzjonijiet ġodda li jistgħu jwasslu għal riskji għolja fuq id-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi, u ma hemm l-ebda ħtieġa li ssir DPIA f'każijiet (jiġifieri operazzjonijiet ta' pproċessar imwettqa f'kuntest speċifiku u għal skop speċifiku) li diġà ġew studjati. Dan jaf ikun il-każ meta teknoloġija simili tintuża biex tinġabar l-istess tip ta' dejta għall-istess skopijiet. Pereżempju, grupp ta' awtoritajiet muniċipali li kull wieħed minnhom qed jinstalla sistema CCTV jista' jagħmel DPIA unika li tkopri l-ipproċessar b'dawn il-kontrolluri separati, jew operatur tal-ferrovija (kontrollur uniku) jista' jkopri s-sorveljanza bil-video fl-istazzjonijiet kollha tal-ferrovija tiegħu b'DPIA waħda. Dan jista' jkun applikabbli wkoll għal operazzjonijiet ta' pproċessar simili implimentati minn kontrolluri tad-dejta varji. F'dawk il-każijiet, DPIA ta' referenza jinħtieġ li tiġi kondiviża jew issir aċċessibbli pubblikament, iridu jiġu implimentati miżuri deskritti fid-DPIA, u trid tingħata ġustifikazzjoni biex issir DPIA unika.

Jekk l-operazzjonijiet ta' pproċessar tinvolvi kontrolluri konġunti, jeħtieġ li dawn jiddefinixxu l-obbligi rispettivi tagħhom b'mod preċiż. Id-DPIA tagħhom jinħtieġ li tistabilixxi liema parti tkun responsabbli għall-miżuri varji mfassla biex jindirizzaw ir-riskji u biex jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta. Kull kontrollur tad-dejta jinħtieġ li jesprimi l-ħtiġijiet tiegħu u jaqsam informazzjoni utli mingħajr ma jikkomprometti sigrieti (pereżempju protezzjoni ta' sigrieti

kummerċjali, proprjetà intellettwali, informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali) jew żvelar ta' dgħufijiet.

**Id-DPIA tista' tkun utli wkoll biex tivvaluta l-impatt tal-protezzjoni tad-dejta ta' prodott tat-teknoloġija**, pereżempju biċċa ħardwer jew softwer, meta aktarx din tintuża minn kontrolluri tad-dejta differenti biex jagħmlu operazzjonijiet ta' pproċessar differenti. Naturalment, il-kontrollur tad-dejta li juża dan il-prodott jibqa' obbligat li jagħmel id-DPIA tagħha stess fir-rigward tal-implimentazzjoni speċifika, iżda din tista' tkun infurmata minn DPIA ppreparata mill-fornitur tal-prodott, jekk xieraq. Eżempju ta' dan jista' jkun ir-relazzjoni bejn manifatturi ta' arloġġi Smart u kumpaniji tal-utilitajiet. Kull fornitur jew proċessur ta' prodott jinħtieġ li jaqsam informazzjoni mingħajr ma jikkomprometti sigrieti jew iwassal għal riskji ta' sigurtà billi jiżvela dgħufijiet.

B. <u>Liema operazzjonijiet ta' pproċessar huma soġġetti għal DPIA? Apparti l-eċċezzjonijiet, meta "*x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju* ".</u>

Din it-taqsima tiddeskrivi meta DPIA tkun obbligatorja, u meta mhuwiex meħtieġ li ssir DPIA.

**Sakemm l-operazzjoni ta' pproċessar ma tissodisfax eċċezzjoni (III.B.a), id-DPIA trid issir meta proċessar "*x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju*" (III.B.b).**

a) Meta tkun obbligatorja d-DPIA? Meta l-ipproċessar "*x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju*".

Il-GDPR ma jirrikjedix li ssir DPIA għal kull operazzjoni ta' pproċessar li tista' tirriżulta f'riskji għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi. It-twettiq ta' DPIA huwa obbligatorju biss meta l-ipproċessar "*x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi*" (l-Artikolu 35(1), enfasizzat bl-Artikolu 35(3) u kkumplimentat bl-Artikolu 35(4)). Huwa rilevanti b'mod partikulari meta tiġi introdotta teknoloġija ġdida tal-ipproċessar ta' dejta [11].

F'każijiet fejn mhuwiex ċar jekk hijiex meħtieġa DPIA, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 tirrakkomanda li DPIA ssir xorta waħda billi d-DPIA hija għodda utli li tgħin lill-kontrolluri jikkonformaw mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta.

Għalkemm id-DPIA tista' tkun meħtieġa f'ċirkustanzi oħra, l-Artikolu 35(3) jipprovdi xi eżempji meta l-ipproċessar "*x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju*":

- "*(a) evalwazzjoni sistematika u estensiva tal-aspetti personali relatati ma' persuni fiżiċi, li hija bbażata fuq l-ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil tal-profili, u li fuqhom huma bbażati deċiżjonijiet li jipproduċu effetti legali li jikkonċernaw lill-persuna fiżika jew li jaffettwaw b'mod sinifikanti b'mod simili lill-persuna fiżika*[12]*;*
- *(b) l-ipproċessar fuq skala kbira ta' kategoriji speċjali ta' dejta msemmija fl-Artikolu 9(1), jew ta' dejta personali relatata ma' kundanni kriminali u reati msemmija fl-Artikolu 10*[13]*; jew*
- *(c) il-monitoraġġ sistematiku ta' żona aċċessibbli għall-pubbliku fuq skala kbira*".

---

[11] Ara l-Premessi 89, 91 u l-Artikolu 35(1) u (3) għal aktar eżempji.

[12] Ara l-Premessa 75: "*b'mod partikolari l-analiżi jew it-tbassir ta' aspetti rigward il-prestazzjoni fuq ix-xogħol, is-sitwazzjoni ekonomika, is-saħħa, il-preferenzi jew l-interessi personali, l-affidabbiltà jew l-imġiba, il-lokalizzazzjoni jew il-movimenti, sabiex jinħolqu jew jintużaw profili personali*".

[13] Ara l-Premessa 75: "*fejn tiġi pproċessata dejta personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trade union, u l-ipproċessar ta' dejta ġenetika, dejta dwar is-saħħa jew dejta dwar il-ħajja sesswali jew kundanni kriminali u reati jew miżuri ta' sigurtà relatati*".

Kif jindikaw il-kliem "*b'mod partikolari*" fis-sentenza introduttorja tal-Artikolu 35(3) tal-GDPR, din hija maħsuba bħala lista mhux eżawrjenti. Jista' jkun hemm operazzjonijiet ta' pproċessar "f'livell għoli ta' riskju" li mhumiex inklużi f'din il-lista, iżda joħolqu wkoll riskji għolja simili. Dawn l-operazzjonijiet ta' pproċessar jinħtieġ ukoll li jkunu soġġetti għal DPIAs. Għal din ir-raġuni, il-kriterji żviluppati hawn taħt kultant imorru lil hinn minn spjegazzjoni sempliċi ta' x'jinħtieġ li jinftiehem mit-tliet eżempji mogħtija fl-Artikolu 35(3) tal-GDPR.

Sabiex jingħata sett aktar konkret ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li jinħtieġu DPIA minħabba r-riskju għoli inerenti tagħhom, filwaqt li tqis l-elementi partikolari tal-Artikolu 35(1) u 35(3) minn (a) sa (c), il-lista li trid tiġi adottata fil-livell nazzjonali skont l-Artikolu 35(4) u l-Premessi 71, 75 u 91, u referenzi oħra għall-GDPR għal operazzjonijiet ta' pproċessar li "*x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju*"[14], jinħtieġ li jiġu kkunsidrati dawn id-disa' kriterji.

1. L-evalwazzjoni jew l-għoti ta' punti, inkluż it-tfassil ta' profili u t-tbassir, speċjalment minn *"aspetti li jikkonċernaw il-prestazzjoni fuq ix-xogħol, is-sitwazzjoni ekonomika, is-saħħa, il-preferenzi jew l-interessi personali, l-affidabbiltà jew l-imġiba, il-lokalizzazzjoni jew il-movimenti tas-suġġett tad-dejta"* (il-Premessi 71 u 91). Eżempji ta' dan jistgħu jinkludu istituzzjoni finanzjarja li teżamina lill-klijenti tagħha fil-konfront ta' bażi ta' dejta ta' referenza ta' kreditu jew fil-konfront ta' bażi ta' dejta ta' finanzjament għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra t-terroriżmu (anti-money laundering/counter-terrorist financing, AML / CTF) jew frodi, jew kumpanija tal-bijoteknoloġija li toffri testijiet ġenetiċi direttament lill-konsumaturi sabiex jivvalutaw u jbassru r-riskji ta' mard / saħħa, jew kumpanija li tibni profili tal-imġiba jew tal-kummerċ fuq il-bażi tal-użu jew tan-navigazzjoni fuq is-sit web tagħha.
2. Teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat b'effett legali jew simili sinifikanti: proċessar li għandu l-għan li jieħu deċiżjonijiet dwar suġġetti tad-dejta li jipproduċi "*effetti legali li jikkonċernaw lill-persuna fiżika* " jew li "*jaffettwaw b'mod sinifikanti b'mod simili lill-persuna fiżika*" (l-Artikolu 35(3)(a)). Pereżempju, l-ipproċessar jista' jwassal għall-esklużjoni jew għad-diskriminazzjoni kontra individwi. Proċessar bla effett jew b'effett minimu fuq l-individwi ma jissodisfax dan il-kriterju speċifiku. Se jingħataw aktar spjegazzjonijiet dwar dawn il-kunċetti fil-Linji Gwida li ġejjin tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-Tfassil ta' Profili.
3. Monitoraġġ sistematiku: l-ipproċessar li jintuża biex jiġu osservati, sorveljati jew kontrollati s-suġġetti tad-dejta, inkluża dejta miġbura permezz ta' netwerks jew "*il-monitoraġġ sistematiku ta' żona aċċessibbli għall-pubbliku* " (l-Artikolu 35(3)(c))[15]. Dan it-tip ta' monitoraġġ huwa kriterju għaliex id-dejta personali tista' tinġabar f'ċirkustanzi fejn is-suġġetti tad-dejta jistgħu ma jkunux konxji ta' min qed jiġbor id-dejta tagħhom u kif se tintuża. Barra minn hekk, jista' jkun impossibbli li l-individwi jevitaw li jkunu soġġetti għal dan l-ipproċessar fi spazju/i pubbliku/ċi (jew aċċessibbli għall-pubbliku).

---

[14] Ara pereżempju l-Premessi 75, 76, 92, 116.

[15] Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 jinterpreta "*sistematiku*" li tfisser wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin (ara l-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar l-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Dejta 16/EN WP 243):

- jokkorri skont sistema;
- irranġat jew organizzat minn qabel, jew metodiku;
- iseħħ bħala parti minn pjan ġenerali għall-ġbir ta' dejta;
- imwettaq bħala parti minn strateġija.

Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 jinterpreta "*żona aċċessibbli għall-pubbliku*" bħala kwalunkwe post miftuħ għal kwalunkwe membru tal-pubbliku, pereżempju pjazza, ċentru kummerċjali, triq, suq, stazzjon tal-ferrovija jew librerija pubblika.

4. Dejta sensittiva jew dejta ta' natura personali ħafna: din tinkludi kategoriji speċjali ta' dejta personali kif definiti fl-Artikolu 9 (pereżempju informazzjoni dwar l-opinjonijiet politiċi tal-individwi), kif ukoll dejta personali relatata mal-kundanni penali jew reati kriminali kif definit fl-Artikolu 10. Eżempju ta' dan huwa sptar ġenerali li jżomm ir-rekords mediċi tal-pazjenti jew investigatur privat li jżomm id-dettalji tat-trasgressuri. Lil hinn minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-GDPR, xi kategoriji tad-dejta jistgħu jitqiesu li jżidu r-riskju possibbli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi. Din id-dejta personali titqies bħala sensittiva (kif dan it-terminu jinftiehem b'mod komuni) minħabba li hija marbuta ma' attivitajiet privati u tal-unitajiet domestiċi (bħal komunikazzjonijiet elettroniċi li l-kunfidenzjalità tagħhom jinħtieġ li tiġi protetta), jew minħabba li din taffettwa l-eżerċizzju ta' dritt fundamentali (bħad-dejta dwar il-lok li l-ġbir tagħha jikkontesta l-libertà ta' moviment) jew minħabba li l-ksur tagħha jaffettwa b'mod ċar u serju l-ħajja ta' kuljum tas-suġġett tad-dejta (bħal dejta finanzjarja li tista' tintuża għal frodi ta' pagament). F'dan ir-rigward, jekk id-dejta tkunx diġà saret disponibbli għall-pubbliku mis-suġġett tad-dejta jew minn terzi persuni jista' jkun rilevanti. Il-fatt li dejta personali tkun disponibbli għall-pubbliku jista' jitqies bħala fattur fil-valutazzjoni jekk id-dejta tkun mistennija li tkompli tiġi użata għal ċerti skopijiet. Dan il-kriterju jista' jinkludi wkoll dejta bħal dokumenti personali, posta elettronika, djarji, noti minn qarrejja elettroniċi mgħammra b'karatteristiċi ta' teħid ta' noti, u informazzjoni personali ħafna li tinsab f'applikazzjonijiet li jirreġistraw l-attivitajiet tal-ħajja (life-logging applications).
5. Dejta pproċessata fuq skala kbira: il-GDPR ma jiddefinixxix x'jikkostitwixxi skala kbira, għalkemm il-Premessa 91 tipprovdi xi gwida. F'kull każ, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 jirrakkomanda li l-fatturi li ġejjin, b'mod partikolari, jitqiesu meta jiġi determinat jekk l-ipproċessar ikunx sar fuq skala kbira[16]:
    a. l-għadd ta' suġġetti tad-dejta kkonċernati, bħala numru speċifiku jew bħala proporzjon tal-popolazzjoni rilevanti;
    b. il-volum tad-dejta u / jew il-firxa ta' oġġetti tad-dejta differenti li jkunu qed jiġu pproċessati;
    c. It-tul, jew il-permanenza, tal-attività ta' pproċessar tad-dejta;
    d. il-firxa ġeografika tal-attività ta' pproċessar.
6. It-tqabbil jew l-ikkombinar ta' settijiet tad-dejta, pereżempju li joriġinaw minn żewġ operazzjonijiet ta' pproċessar tad-dejta jew aktar li jsiru għal skopijiet different u / jew minn kontrolluri tad-dejta differenti b'mod li jeċċedi l-aspettattivi raġonevoli tas-suġġett tad-dejta[17].
7. Dejta li tikkonċerna lis-suġġetti tad-dejta vulnerabbli (il-Premessa 75): l-ipproċessar ta' dan it-tip ta' dejta huwa kriterju minħabba ż-żieda fl-iżbilanċ tas-setgħa bejn is-suġġetti tad-dejta u l-kontrollur tad-dejta, jiġifieri l-individwi jistgħu ma jkunux kapaċi jagħti l-kunsens, jew jopponu faċilment l-ipproċessar tad-dejta tagħhom, jew jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Is-suġġetti tad-dejta vulnerabbli jistgħu jinkludu tfal (jistgħu jitqiesu mhux kapaċi jopponu jew jagħtu l-kunsens tagħhom b'mod konxju u bi ħsieb għall-ipproċessar tad-dejta tagħhom), impjegati, aktar gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni li jeħtieġu protezzjoni speċjali (persuni morda mentalment, applikanti għall-ażil, jew l-anzjani, pazjenti, eċċ.), u f'kull każ fejn tista' jiġi identifikat żbilanċ fir-relazzjoni bejn il-pożizzjoni tas-suġġett u l-kontrollur tad-dejta.

[16] Ara l-Linji Gwida 16/EN WP 243 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta.

[17] Ara l-ispjegazzjoni fl-Opinjoni 13/EN WP 203 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Limitazzjoni tal-iskop, p. 24.

8. Użu innovattiv jew l-applikar ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi jew organizzattivi ġodda, bħall-użu kkombinat ta' għarfien tal-marki tas-swaba' u tal-wiċċ għal kontroll fuq l-aċċess fiżiku mtejjeb, eċċ. Il-GDPR jagħmilha ċara (l-Artikolu 35(1) u l-Premessi 89 u 91) li l-użu ta' teknoloġija ġdida, definita "*skont l-istat tal-għarfien teknoloġiku miksub*" (il-Premessa 91), tista' tikkawża l-ħtieġa li ssir DPIA. Dan minħabba li l-użu ta' din it-teknoloġija tista' tinvolvi forom ġodda ta' ġbir u użu ta' dejta, possibbilment b'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi. Il-konsegwenzi personali u soċjali tat-tnedija ta' teknoloġija ġdida jistgħu ma jkunux magħrufa. Id-DPIA se tgħin lill-kontrolluri tad-dejta jifhmu u jindirizzaw dawn ir-riskji. Pereżempju, ċerti applikazzjonijiet tal-"Internet tal-Oġġetti" jista' jkollhom effett sinifikanti fuq il-ħajjiet ta' kuljum u fuq il-privatezza tal-individwi; U għaldaqstant jeħtieġu DPIA.
9. Meta l-ipproċessar innifsu ma jippermettix *"lis-suġġetti tad-dejta jeżerċitaw dritt jew jużaw servizz jew kuntratt"* (l-Artikolu 22 u l-Premessa 91). Dan jinkludi operazzjonijiet ta' pproċessar li għandu l-għan li jippermetti, jimmodifika jew jirrifjuta l-aċċess tas-suġġetti tad-dejta għal servizz jew dħul f'kuntratt. Eżempju ta' dan huwa meta bank jeżamina lill-klijenti tiegħu fil-konfront ta' bażi tad-dejta ta' referenza ta' kreditu sabiex jiddeċiedi jekk għandux joffrilhom self.

F'ħafna każijiet, kontrollur tad-dejta jista' jqis li proċessar li jissodisfa żewġ kriterji jkun jeħtieġ li ssir DPIA. B'mod ġenerali, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 (Working Party WP29) iqis li aktar kemm jiġu ssodisfati kriterji mill-ipproċessar, aktar huwa probabbli li jippreżenta riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta, u għaldaqstant ikun jeħtieġ DPIA minkejja l-miżuri li l-kontrollur ikun beħsiebu jadotta.

Madankollu, f'xi każijiet, **kontrollur tad-dejta jista' jqis li proċessar li jissodisfa wieħed biss minn dawn il-kriterji jeħtieġ DPIA.**

L-eżempji li ġejjin juru kif il-kriterji jinħtieġ li jintużaw biex jivvalutaw jekk operazzjoni tal-ipproċessar partikulari tkunx teħtieġ DPIA:

| **Eżempji ta' pproċessar** | **Kriterji possibbli rilevanti** | **Aktarx tenħtieġ DPIA?** |
|---|---|---|
| Sptar li jipproċessa d-dejta ġenetika u dwar is-saħħa tal-pazjenti tiegħu (sistema ta' informazzjoni ta' sptar). | - Dejta sensittiva jew dejta ta' natura personali ħafna.<br>- Dejta li tikkonċerna lis-suġġetti tad-dejta vulnerabbli.<br>- Dejta pproċessata fuq skala kbira. | |
| L-użu ta' sistema ta' kameras li jissorveljaw l-imġiba tas-sewqan fuq l-awtostradi. Il-kontrollur beħsiebu juża sistema intelliġenti ta' analiżi ta' filmati biex jindividwa karozzi u awtomatikament jirrikonoxxi pjanċi tal-liċenzja. | - Monitoraġġ sistematiku.<br>- Użu innovattiv jew applikazzjoni tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi jew organizzattivi. | Iva |
| Kumpanija li tissorvelja sistematikament l-attivitajiet tal-impjegati tagħha, inkluż il-monitoraġġ tal-istazzjon tax-xogħol tal-impjegati, attività tal-internet, eċċ. | - Monitoraġġ sistematiku.<br>- Dejta li tikkonċerna lis-suġġetti tad-dejta vulnerabbli. | |

| Eżempji ta’ pproċessar | Kriterji possibbli rilevanti | Aktarx tenħtieġ DPIA? |
|---|---|---|
| Il-ġbir ta’ dejta ta’ midja soċjali pubblika għall-ġenerazzjoni ta’ profili. | - Evalwazzjoni jew għoti ta’ punti.<br>- Dejta pproċessata fuq skala kbira.<br>- Tqabbil jew ikkombinar ta’ settijiet tad-dejta.<br>- Dejta sensittiva jew dejta ta’ natura personali ħafna: | |
| Istituzzjoni li toħloq bażi ta’ dejta għall-klassifikazzjoni tal-kreditu jew għall-frodi fil-livell nazzjonali. | - Evalwazzjoni jew għoti ta’ punti.<br>- Teħid ta’ deċiżjonijiet awtomatizzat b’effett legali jew simili sinifikanti.<br>- Prevenzjoni tas-suġġetti tad-dejta milli jeżerċitaw dritt jew milli jużaw servizz jew kuntratt.<br>- Dejta sensittiva jew dejta ta’ natura personali ħafna: | |
| Ħżin għal skopijiet ta’ arkivjar ta’ dejta sensittiva personali psewdonimizzata li tikkonċerna lis-suġġetti tad-dejta vulnerabbli ta’ proġetti ta’ riċerka jew provi kliniċi. | - Dejta sensittiva.<br>- Dejta li tikkonċerna lis-suġġetti tad-dejta vulnerabbli.<br>- Prevenzjoni tas-suġġetti tad-dejta milli jeżerċitaw dritt jew milli jużaw servizz jew kuntratt. | |
| Proċessar ta’ “dejta personali minn pazjenti jew klijenti minn tabib individwali, professjonist ieħor tal-kura tas-saħħa jew avukat individwali” (il-Premessa 91). | - Dejta sensittiva jew dejta ta’ natura personali ħafna.<br>- Dejta li tikkonċerna lis-suġġetti tad-dejta vulnerabbli. | |
| Rivista onlajn li tuża lista ta’ indirizzi elettroniċi biex tibgħat aħbarijiet tal-jum ġeneriċi lill-abbonati tagħha. | - Dejta pproċessata fuq skala kbira. | Le |
| Sit web ta’ kummerċ elettroniku li juri reklami għal partijiet ta’ karozzi antiki li jinvolvi bini limitat ta’ profili abbażi ta’ oġġetti li dehru jew li nxtraw fuq is-sit web stess. | - Evalwazzjoni jew għoti ta’ punti. | |

**Min-naħa l-oħra, operazzjoni ta’ pproċessar tista’ tikkorrispondi għall-każijiet imsemmija hawn fuq u xorta ma titqiesx mill-kontrollur bħala “x'aktarx jirriżulta f’livell għoli ta’ riskju”. F’dawn il-każijiet il-kontrollur jinħtieġ li jiġġustifika u jiddokumenta r-raġunijiet għaliex ma għamilx DPIA u jinkludi / jirreġistra l-opinjonijiet tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta.**

Barra min hekk, bħala parti mill-prinċipju tal-kontabilità, kull kontrollur tad-dejta “*għandu jżomm reġistru tal-attivitajiet ta’ pproċessar taħt ir-responsabbiltà tiegħu*” inkluż fost l-oħrajn l-iskopijiet tal-ipproċessar, deskrizzjoni tal-kategoriji tad-dejta u r-riċevituri tad-dejta u “*fejn ikun possibbli, deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri tekniċi u organizzattivi ta’ sigurtà msemmija fl-Artikolu 32(1)*” (l-Artikolu 30(1)) u jrid jivvaluta jekk riskju għoli huwiex probabbli, anke jekk fl-aħħar mill-aħħar jiddeċiedi li ma jagħmilxx DPIA.

Nota: l-awtoritajiet ta' sorveljanza huma meħtieġa jistabbilixxu, jippubblikaw u jikkomunikaw lista tal-operazzjonijiet ta' pproċessar li jeħtieġu DPIA lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (European Data Protection Board, EDPB) (l-Artikolu 35(4))[18]. Il-kriterji stabbiliti hawn fuq jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet ta' sorveljanza jikkostitwixxu din il-lista, b'kontenut aktar speċifiku miżjud maż-żmien jekk dan ikun xieraq. Pereżempju, l-ipproċessar ta' kull tip ta' dejta bijometrika jew dik tat-tfal tista' tiqies ukoll bħala rilevanti għall-iżvilupp ta' lista skont l-Artikolu 35(4).

b) Meta ma tkunx meħtieġa DPIA? Meta l-ipproċessar x'aktarx ma jkunx "*jirriżulta f'livell għoli ta' riskju*", jew tkun teżisti DPIA simili, jew ikun ġie awtorizzat qabel Mejju 2018, jew ikollu bażi ġuridika, jew ikun fil-lista ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li għalihom ma tkunx meħtieġa DPIA.

Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 mhuwiex meħtieġ f'dawn il-każijiet:

- **meta l-ipproċessar x'aktarx ma jkunx "*jirriżulta f'livell għoli ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi*"** (l-Artikolu 35(1));
- **meta n-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-iskopijiet tal-ipproċessar huma simili ħafna għall-ipproċessar li għalih tkun saret DPIA**. F'dawn il-każijiet, jistgħu jintużaw riżultati ta' DPIA għal ipproċessar simili (l-Artikolu 35(1)[19]);
- jekk l-operazzjonijiet ta' pproċessar ikunu ġew iċċekkjati minn awtorità superviżorja qabel Mejju 2018 f'kundizzjonijiet speċifiċi li ma nbidlux[20] (ara III.C);
- **jekk l-operazzjoni ta' pproċessar,** skont il-punt (c) jew (e) tal-Artikolu 6(1), **ikollha bażi ġuridika** fid-dritt tal-UE jew ta' Stat Membru, meta l-liġi tirregola l-operazzjoni ta' pproċessar speċifika **u jekk id-DPIA tkun diġà saret** bħala parti mill-istabbiliment ta' dik il-bażi ġuridika (l-Artikolu 35(10))[21], ħlief jekk Stat Membru jkun iddikjaraha neċessarja li ssir DPIA qabel l-attivitajiet ta' pproċessar;
- **meta l-ipproċessar ikun inkluż fuq il-lista fakultattiva (stabbilita mill-awtorità superviżorja) ta' operazzjonijiet ta' pproċessar** li għalihom tkun meħtieġa DPIA (l-Artikolu 35(5)). Din il-lista tista' tinkludi attivitajiet ta' pproċessar li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet speċifikati minn din l-awtorità, b'mod partikolari permezz ta' linji giwda, deċiżjonijiet speċifiċi jew awtorizzazzjonijiet, regoli ta' konformità, eċċ. (pereżempju fi Franza, awtorizzazzjonijiet, regoli simplifikati, pakketti ta' konformità …). F'dawn il-każijiet, u soġġetti għal valutazzjoni mill-ġdid mill-awtorità superviżorja kompetenti, mhijiex meħtieġa DPIA, iżda biss jekk taqa' fl-ambitu tal-proċedura rilevanti msemmija u tkompli tikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti rilevanti kollha tal-GDPR.

---

[18] F'dak il-kuntest, "*l-awtorità superviżorja kompetenti għandha tapplika l-mekkaniżmu ta' konsistenza msemmi fl-Artikolu 63 fejn tali listi jinvolvu attivitajiet ta' pproċessar li huma marbuta mal-offerta ta' oġġetti jew servizzi lis-suġġetti tad-dejta jew għall-monitoraġġ tal-imġiba tagħhom f'diversi Stati Membri, jew li jista' jaffettwa sostanzjalment il-moviment ħieles tad-dejta personali fl-Unjoni*" (l-Artikolu 35(6)).

[19] "*Valutazzjoni waħda tista' tindirizza sett ta' operazzjonijiet tal-ipproċessar simili li jippreżentaw riskji għolja simili".*

[20] "*Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni u l-awtorizzazzjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji bbażati fuq id-Direttiva 95/46/KE jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu emendati, mibdula jew imħassra*" (il-Premessa 171).

[21] Jekk id-DPIA ssir fl-istadju tal-elaborazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tipprovdi bażi ġuridika għall-ipproċessar, aktarx tkun teħtieġ rieżami qabel tibda topera, billi l-leġiżlazzjoni adottata tista' tkun differenti mill-proposta f'ħafna modi li jaffettwaw kwistjonijiet ta' protezzjoni ta' dejta u ta' privatezza. Barra minn hekk, jista' ma jkunx hemm biżżejjed dettalji tekniċi speċifiċi rigward l-ipproċessar attwali fil-mument tal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni, anke jekk tkun akkumpanjata minn DPIA. F'dawn il-każijiet, jista' jkun għadu meħtieġ li ssir DPIA speċifika qabel ma jsiru l-attivitajiet ta' pproċessar attwali.

C. <u>U xi ngħidu għal operazzjonijiet ta' pproċessar diġà eżistenti? F'xi ċirkustanzi huma meħtieġa d-DPIAs.</u>

**Ir-rekwiżit biex issir DPIA japplika għal operazzjonijiet ta' pproċessar eżistenti li x'aktarx jirriżultaw f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi u li għalihom kien hemm bidla fir-riskji, meta wieħed iqis in-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-iskopijiet tal-ipproċessar.**

DPIA mhijiex meħtieġa għal operazzjonijiet ta' pproċessar li ġew verifikati minn awtorità superviżorja jew minn uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta, skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 95/46/KE, u li saru b'mod li ma nbidilx mill-verifika minn qabel. "*Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni u l-awtorizzazzjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji bbażati fuq id-Direttiva 95/46/KE jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu emendati, mibdula jew imħassra*" (il-Premessa 171).

Min-naħa l-oħra, dan ifisser li kull proċessar tad-dejta li l-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħhom (l-ambitu, l-iskop, id-dejta personali miġbura, l-identità tal-kontrolluri tad-dejta jew tar-riċevituri, miżuri tekniċi u organizzattivi, eċċ.) inbidlu mill-verifika minn qabel imwettqa mill-awtorità superviżorja jew mill-uffiċjal ta' protezzjoni tad-dejta u li x'aktarx jirriżultaw f'riskju għoli jinħtieġ li jkunu soġġetti għal DPIA.

Barra minn hekk, DPIA tista' titqies wara bidla fir-riskji li tirriżulta mill-operazzjonijiet ta' pproċessar[22], pereżempju minħabba li teknoloġija ġdida daħlet fis-seħħ jew minħabba li d-dejta personali tintuża għal skop differenti. L-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' dejta jistgħu jevolvu malajr u jistgħu jirriżultaw dgħufijiet ġodda. Għaldaqstant, ta' min jinnota li r-reviżjoni ta' DPIA mhux biss hija utli għal titjib kontinwu, iżda anke kritika biex jinżamm il-livell ta' protezzjoni tad-dejta f'ambjent li jinbidel maż-żmien. DPIA tista' tkun meħtieġa wkoll minħabba li l-kuntest organizzattiv jew soċjetali għall-attivita ta' pproċessar tkun inbidlet, pereżempju minħabba li l-effetti ta' ċerti deċiżjonijiet awtomatizzati jkunu saru aktar sinifikanti, jew kategoriji ġodda ta' suġġetti tad-dejta jsriu vulnerabbli għad-diskriminazzjoni. Kull wieħed minn dawn l-eżempji jista' jkun element li jwassal għal bidla tar-riskju li tirriżulta mill-attività ta' pproċessar ikkonċernata.

Min-naħa l-oħra, ċertu tibdil jista' jbaxxi r-riskju wkoll. Pereżempju, operazzjoni ta' pproċessar tista' tevolvi ħalli d-deċiżjonijiet ma jibqgħux awtomatizzati jew jekk attività ta' monitoraġġ ma tibqax sistematika. F'dak il-każ, ir-rieżami li sar tal-analiżi tar-riskju jista' juri li l-prestazzjoni ta' DPIA ma għadhiex meħtieġa.

Bħala kwistjoni ta' prattika tajba, **DPIA jinħtieġ li tkun rieżaminata kontinwament u vvalutata mill-ġdid regolarment.** Għaldaqstant, anke jekk DPIA mhijiex meħtieġa fil-25 ta' Mejju 2018, se jkun meħtieġ, fiż-żmien opportun, li l-kontrollur imexxi din id-DPIA bħala parti mill-obbligi tal-kontabilità ġenerali.

D. <u>Kif issir DPIA?</u>

a) F'liema mument jinħtieġ li ssir DPIA? Qabel l-ipproċessar.

[22] F'termini tal-kuntest, id-dejta miġbura, l-iskopijiet, il-funzjonalitajiet, id-dejta personali proċessata, ir-riċevituri, il-kombinazzjonijiet tad-dejta, ir-riskji (assi ta' appoġġ, sorsi ta' riskji, effetti potenzjali, theddid, eċċ.), miżuri ta' sigurtà u trasferimenti internazzjonali.

**Id-DPIA jinħtieġ li ssir "*qabel l-ipproċessar*" (l-Artikoli 35(1) u 35(10), il-Premessi 90 u 93)[23]. Dan huwa konsisteni mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta mid-disinn u b'mod awtomatiku (l-Artikolu 25 u l-Premessa 78). Id-DPIA jinħtieġ li titqies bħala għodda li tgħin fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jikkonċerna l-ipproċessar.**

Id-DPIA jinħtieġ li tinbeda malajr kemm ikun prattikabbli fit-tfassil tal-operazzjoni ta' pproċessar anki jekk uħud mill-operazzjonijiet ta' pproċessar għadhom mhux magħrufin. L-aġġornament tad-DPIA matul il-proġett taċ-ċiklu tal-ħajja se jiżgura li l-protezzjoni u l-privatezza tad-dejta qed jitqiesu u se jħeġġu l-ħolqien ta' soluzzjonijiet li jippromwovu l-konformità. Jista' jkun neċessarju wkoll li jiġu ripetuti passi individwali tal-valutazzjoni hekk kif il-proċess ta' żvilupp jimxi 'l quddiem minħabba li l-għażla ta' ċerti miżuri tekniċi u organizzattivi jistgħu jaffettwaw il-gravità jew il-probabbiltà tar-riskji ppreżentati mill-ipproċessar.

Il-fatt li d-DPIA jista' jkollha tiġi aġġornata ladarba l-ipproċessar ikun attwalment inbeda mhuwiex raġuni valida biex jiġi pospost jew ma ssirx DPIA. Id-DPIA hija proċess kontinwu, speċjalment meta operazzjoni ta' pproċessar tkun dinamika u soġġetta għal bidla kontinwa. **It-twettiq ta' DPIA huwa proċess kontinwu, mhux eżerċizzu ta' darba**.

b) Min hu obbligat jagħmel id-DPIA? Il-kontrollur, mal-UPD umal-proċessuri.

**Il-kontrollur huwa responsabbli mill-iżgurar li d-DPIA issir (l-Artikolu 35(2))**. It-twettiq tad-DPIA jista' jsir minn ħaddieħor, fl-organizzazzjoni jew barra minnha, iżda fl-aħħar mill-aħħar il-kontrollur jibqa' responsabbli għal dak il-kompitu.

**Il-kontrollur irid jitlob ukoll parir mingħand l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta (UPD)**, fejn ikun maħtur (l-Artikolu 35(2)) u dan il-parir, u d-deċiżjonijiet li jiġu l-kontrollur, jinħtieġ li jiġu dokumentati fid-DPIA. L-UPD jinħtieġ li jissorvelja wkoll il-prestazzjoni tad-DPIA (l-Artikolu 39(1)(c)). Tingħata aktar gwida fil-Linji Gwida 16/EN WP 243 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta.

Jekk l-ipproċessar isir kompletament jew parzjalment minn proċessur tad-dejta, **il-proċessur jinħtieġ li jassisti lill-kontrollur fit-twettiq tad-DPIA** u jipprovdi kull informazzjoni (f'konformità mal-Artikolu 28(3)(f)).

**Il-kontrollu jrid "*ifittex il-fehmiet tas-suġġetti tad-dejta jew tar-rappreżentanti tagħhom* " (l-Artikolu 35(9)), "*fejn xieraq*"**. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 iqis li:

- dawk il-fehmiet jistgħu jiġu mfittxija permezz ta' varjetà ta' mezzi, skont il-kuntest (pereżempju studju ġeneriku relatat mal-iskop u l-mezzi tal-operazzjoni ta' pproċessar, mistoqsija lir-rappreżentanti tal-persunal, jew stħarriġ normali mibgħut lill-klijenti futuri tal-kontrollur tad-dejta) filwaqt li jiġi żgurat li l-kontrollur ikollu bażi ġuridika biex jipproċessa kwalunkwe dejta personali involuta fit-tiftix ta' dawn il-fehmiet. Għalkemm wieħed jinħtieġ li jinnota li l-kunsens għall-ipproċessar ovvjament mhuwiex mod kif tfittex il-fehmiet tas-suġġetti tad-dejta;
- jekk id-deċiżjoni finali tal-kontrollur tad-dejta tkun differenti mill-fehmiet tas-suġġetti tad-dejta, ir-raġunijiet tiegħu biex jimxi 'l quddiem jew le jinħtieġ li jiġu dokumentati;

[23] Ħlief meta jkun proċessar diġà eżistenti li jkun ġie verifikat minn qabel mill-Awtorità Superviżorja, f'liema każ id-DPIA jinħtieġ li ssir qabel tibdiliet sinifikanti li jkun għaddej.

- il-kontrollur jinħtieġ li jiddokumenta wkoll il-ġustifikazzjoni tiegħu biex ifittex biex ma jfittixx il-fehmiet tas-suġġetti tad-dejta, jekk jiddeċiedi li dan mhuwiex xieraq, pereżempju jekk dan jikkomprometti l-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju tal-kumpaniji, jew ikun sproporzjonat jew imprattikabbli.

Fl-aħħar nett, hija prattika tajba li jiġu definiti u dokumentati rwoli u responsabbiltajiet speċifiċi oħra, skont il-politika interna, proċessi u regoli, pereżempju:

- jekk unitajiet tan-negozju speċifiċi jistgħu jipproponu li jagħmlu d-DPIA, dawn l-unitajiet jinħtieġ li mbagħad jikkontribwixxu għad-DPIA u jinħtieġ li jkunu involuti fil-proċess ta' validazzjoni tad-DPIA;
- Meta xieraq, huwa rakkomandat li titlob parir mingħand esperti indipendenti ta' professjonijiet differenti[24] (avukati, esperti tal-IT, esperti tas-sigurtà, soċjologi, esperti fl-etika, eċċ.).
- ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-proċessuri jridu jkunu definiti kuntrattwalment; u d-DPIA trid issir bl-għajnuna tal-proċessur, filwaqt li titqies in-natura tal-ipproċessar u l-informazzjoni disponibbli għall-proċessur (l-Artikolu 28(3)(f));
- il-Kap Uffiċjal tas-Sigurtà tal-Informazzjoni (Chief Information Security Officer, CISO), jekk maħtur, kif ukoll l-UPD, jistgħu jissuġġerixxu li l-kontrollur jagħmel DPIA fuq operazzjoni ta' pproċessar speċifika, u jinħtieġ li jgħinu lill-partijiet ikkonċernati rigward il-metodoloġija, jgħinu biex jevalwaw il-kwalità tal-valutazzjoni tar-riskju u jekk ir-riskju residwu huwiex aċċettabbli, u biex jiżviluppaw għarfien speċifiku għall-kuntest tal-kontrollur tad-dejta;
- il-Kap Uffiċjal tas-Sigurtà tal-Informazzjoni (CISO), jekk maħtur, u/jew id-dipartiment tal-IT, jinħtieġ li jassistu lill-kontrollur, u jistgħu jipproponu li jagħmlu DPIA fuq operazzjoni ta' pproċessar speċifika, skont il-ħtiġijiet operazzjonali u ta' sigurtà.

c) X'inhi l-metodoloġija biex issir id-DPIA? Metodoloġiji differenti iżda kriterji komuni.

[24] *Recommendations for a privacy impact assessment framework for the European Union, Deliverable D3:* http://www.piafproject.eu/ref/PIAF_D3_final.pdf.

Il-GDPR tistabbilixxi l-karatteristiċi minimi ta' DPIA (l-Artikolu 35(7), u l-Premessi 84 u 90):

- "*deskrizzjoni sistematika tal-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti u l-iskopijiet tal-ipproċessar*";
- "*valutazzjoni tal-bżonn u l-proporzjonalità tal-operazzjonijiet ta' pproċessar*";
- "*valutazzjoni tar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta*";
- "*Il-miżuri previsti biex:*
    - "jindirizzaw*jindirizzaw ir-riskji*"*;*
    - "juru*juru l-konformità ma' dan ir-Regolament*".

Il-grafika li ġejja turi l-proċess iterattiv ġeneriku biex issir DPIA[25]:




Trid titqies (l-Artikolu 35(8)) il-konformità mal-kodiċi ta' kondotta (l-Artikolu 40) meta jiġi vvalutat l-effett ta' operazzjoni ta' pproċessar tad-dejta. Dan jista' jkun utli biex jidher li ntużaw jew tpoġġew fis-seħħ miżuri xierqa, sakemm il-kodiċi ta' kondotta jkun xieraq mal-operazzjoni ta' pproċessar. Jinħtieġ li jitqiesu wkoll ċertifikazzjonijiet, siġilli u marki għall-iskop li tidher konformità mal-GDPR tal-operazzjonijiet ta' pproċessar mill-kontrolluri u mill-proċessuri (l-Artikolu 42), kif ukoll Regoli Korporattivi Vinkolanti (Binding Corporate Rules, BCR).

Ir-rekwiżiti kollha rilevanti stabbiliti fil-GDPR jipprovdu qafas wiesa' ġeneriku għat-tfassil u t-twettiq ta' DPIA. L-implimentazzjoni prattika ta' DPIA se tiddependi fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fil-GDPR li jistgħu jiġu supplimentati b'aktar gwida prattika dettaljata. Għaldaqstant, l-implimentazzjoni tad-

[25] Jinħtieġ li jiġi enfasizzat li l-proċess deskritt hawn huwa iterattiv: fil-prattika, x'aktarx kull wieħed mill-istadji jiġi rivedut diversi drabi qabel ma tista' titlesta d-DPIA.

DPIA hija skalabbli. Dan ifisser li anke kontrollur tad-dejta żgħir jista' jfassal u jimplimenta DPIA li tkun xierqa għall-operazzjonijiet ta' pproċessar tiegħu.

Il-Premessa 90 tal-GDPR tiddeskrivi għadd ta' komponenti tad-DPIA li jirkbu fuq komponenti definiti sew ta' mmaniġġar tar-riskju (pereżempju ISO 31000[26]). F'termini ta' mmaniġġar tar-riskju, id-DPIA għandha l-għan li "timmaniġġa r-riskji" għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, bl-użu tal-proċessi li ġejjin, billi:

- tistabbilixxi l-kuntest: "*b'kont meħud tan-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-għanijiet tal-ipproċessar u s-sorsi tar-riskju*";
- tivvaluta r-riskji: "*jivvaluta l-probabbiltà partikolari u l-gravità tar-riskju għoli*";
- tindirizza r-riskji: "*jittaffa dak ir-riskju*" u "*tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dejta personali* ", u "*tintwera l-konformità ma' dan ir-Regolament.*".

Nota: id-DPIA taħt il-GDPR hija għodda li timmaniġġa r-riskji għad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta, u għaldaqstant tieħu l-perspettiva tagħhom, kif inhu l-każ f'ċerti oqsma (pereżempju s-sigurtà soċjali). Min-naħa l-oħra, l-immaniġġar tar-riskji f'oqsma oħra (pereżempju s-sigurtà tal-informazzjoni) huwa ffukat fuq l-organizzazzjoni.

Il-GDPR jipprovdi lill-kontrolluri tad-dejta bi flessibbiltà biex tiġi determinata l-istruttura u l-forma preċiża tad-DPIA sabiex din tkun taqbel mal-prattiki ta' ħidma eżistenti. Hemm għadd ta' proċessi stabbiliti differenti fl-UE u madwar id-dinja li qisu l-komponenti deskritti fil-Premessa 90. Madankollu, tkun xi tkun il-forma tagħha, DPIA trid tkun valutazzjoni ġenwina tar-riskji, li tippermetti li l-kontrolluri jieħdu miżuri biex jindirizzawhom.

Metodoloġiji differenti (ara l-Anness 1 għal eżempji ta' metodoloġiji ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta u fuq il-privatezza) jistgħu jintużaw biex jassistu fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti bażiċi stabbiliti fil-GDPR. Sabiex dawn l-approċċi differenti jkunu jistgħu jintużaw, filwaqt li l-kontrolluri jitħallew jikkonformaw mal-GDPR, ġew identifikati kriterji komuni (ara l-Anness 2). Dawn jiċċaraw ir-rekwiżiti bażiċi tar-Regolament, iżda jagħtu biżżejjed skop għal forom differenti ta' implimentazzjoni. Dawn il-kriterji jistgħu jintużaw biex juru li metodoloġija ta' DPIA partikolari tissodisfa l-istandards meħtieġa mill-GDPR. **Il-kontrollur tad-dejta huwa responsabbli biex jagħżel metodoloġija, iżda din il-metodoloġija jinħtieġ li tkun konformi mal-kriterji pprovduti fl-Anness 2**.

Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 iħeġġeġ l-iżvilupp ta' oqfsa tad-DPIA speċifiċi għas-settur. Dan minħabba li jistgħu jużaw għarfien settorjali speċifiku, jiġifieri d-DPIA tista' tindirizza l-ispeċifiċitajiet ta' tip partikolari ta' operazzjoni ta' pproċessar (pereżempju: tipi partikolari ta' dejta, assi korporattivi, effetti potenzjali, theddid, miżuri). Dan ifisser li d-DPIA tista' tindirizza l-kwistjonijiet li jqumu f'settur ekonomiku partikolari, jew meta tuża teknoloġiji partikolari jew twettaq tipi partikolari ta' operazzjonijiet ta' pproċessar.

[26] Proċessi ta' mmaniġġar tar-riskju: komunikazzjoni u konsultazzjoni, stabbiliment tal-kuntest, valutazzjoni tar-riskju, trattament tar-riskju, monitoraġġ u rieżami (ara t-termini u d-definizzjonijiet, u l-werrej, fil-previżjoni tal-ISO 31000: https://www.iso.org/obp/ui/#iso:std:iso:31000:ed-1:v1:en).

Fl-aħħar nett, fejn meħtieġ, *"il-kontrollur għandu jwettaq rieżami biex jevalwa jekk l-ipproċessar ikunx qed isir f'konformità mal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta mill-inqas meta jkun hemm bidla fir-riskju mill-operazzjonijiet ta' pproċessar"* (l-Artikolu 35(11)[27]).

d) Hemm obbligu li tiġi ppubblikata d-DPIA? Le, iżda l-pubblikazzjoni ta' sommarju jista' jrawwem fiduċja, u d-DPIA sħiħa trid tintbagħat lill-awtorità superviżorja f'każ ta' konsultazzjoni preċedenti jew jekk mitlub mid-DPIA.

**Il-pubblikazzjoni ta' DPIA mhijiex rekwiżit legali tal-GDPR, hija deċiżjoni tal-kontrollur li jagħmel dan. Madankollu, il-kontrolluri jinħtieġ li jikkunsidraw li jippubblikaw mill-inqas partijiet, bħal sommarju jew konklużjoni tad-DPIA tagħhom.**

L-iskop ta' proċess bħal dan huwa biex jgħin biex titrawwem il-fiduċja fl-operazzjonijiet ta' pproċessar tal-kontrollur, u juri kontabbiltà u trasparenza. Hija prattika partikolarment tajba li tiġi ppubblikata DPIA meta l-membri tal-pubbliku jkunu affettwati mill-operazzjoni ta' pproċessar. Dan jaf ikun il-każ b'mod partikolari meta awtorità pubblika tagħmel id-DPIA.

Mhux meħtieġ li d-DPIA tinkludi l-valutazzjoni sħiħa, speċjalment meta d-DPIA tista' tippreżenta informazzjoni speċifika rigward riskji għas-sigurtà għall-kontrollur tad-dejta jew jiżvelaw sigrieti kummerċjali jew informazzjoni kummerċjalment sensittiva. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-verżjoni ppubblikata tista' tikkonsisti f'sempliċi sommarju tas-sejbiet ewlenin tad-DPIA, jew saħansitra sempliċi dikjarazzjoni li saret id-DPIA.

Barra minn hekk, meta DPIA tiżvela riskji residwi għolja, il-kontrollur tad-dejta se jkun meħtieġ jitlob konsultazzjoni minn qabel għall-ipproċessar mill-awtorità superviżorja (l-Artikolu 36(1)). Bħala parti minn dan, id-DPIA trid tiġi pprovduta sħiħa (l-Artikolu 36(3)(e)). L-awtorità superviżorja tista' tagħti l-parir tagħha[28], u ma tikkompromettix sigriet kummerċjali jew tikxef dgħufijiet ta' sigurtà, soġġetta għall-prinċipji applikabbli f'kull Stat Membru dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti uffiċjali.

E. <u>Meta tiġi kkonsultata l-awtorità superviżorja? Meta r-riskji residwi jkunu għoljin.</u>

kif spjegat hawn fuq:

- tenħtieġ DPIA biss meta l-ipproċessar ikun "*x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi*" (l-Artikolu 35(1), ara III.B.a). Bħala eżempju, l-ipproċessar ta' dejta dwar is-saħħa fuq skala kbira titqies li x'aktarx tirriżulta f'riskju għoli, u teħtieġ DPIA;
- għaldaqstant, hija r-responsabbilta tal-kontrollur tad-dejta li jivvaluta r-riskji għad-drittijiet u l-ibertajiet tas-suġġetti tad-dejta u li jidentifika l-miżuri[29] previsti biex inaqqsu dawk ir-riskji għal livell aċċettabbli u li juru konformità mal-GDPR (l-Artikolu 35(7), ara III.C.c). Pereżempju, għall-ħżin ta' dejta personali fuq kompjuters portabbli, jintużaw miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzattivi xierqa (kriptaġġ effettiv u sħiħ tad-diski, maniġġar robust taċ-ċwievet, kontroll xieraq fuq l-aċċess, backups siguri, eċċ.) apparti politiki eżistenti (avviż, kunsens, dritt ta' aċċess, dritt ta' oġġezzjoni, eċċ.).

[27] L-Artikolu 35(10) jeskludi b'mod espliċitu biss l-applikazzjoni tal-Artikolu 35, il-paragrafi minn 1 sa 7.

[28] Parir bil-miktub lill-kontrollur huwa meħtieġ biss meta l-awtorita superviżorja tkun tal-opinjoni li l-ipproċessar intiż ma jkunx konformi mar-regolament skont l-Artikolu 36(2).

[29] Inkluż kont meħud ta' gwidi eżistenti mill-EDPB u awtoritajiet superviżorji u kont meħud tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-ispejjeż ta' implimentazzjoni kif preskritt fl-Artikolu 35(1).

Fl-eżempju tal-kompjuter protabbli ta' hawn fuq, jekk ir-riskji tqiesu mnaqqsa biżżejjed mill-kontrollur tad-dejta u wara l-qari tal-Artikolu 36(1) u l-Premessi 84 u 94, l-ipproċessar jista' jkompli mingħajr konsultazzjoni mal-awtorità superviżorja. Huwa f'każijiet fejn ir-riskji identifikati ma jistgħux jiġu indirizzati biżżejjed mill-kontrollur tad-dejta (jiġifieri r-riskji residwi jibqgħu għolja) li l-kontrollur tad-dejta jrid jikkonulta mal-awtorità superviżorja.

Eżempju ta' riskju residwu għoli jinkludi istanzi fejn is-suġġetti tad-dejta jistgħu jiltaqgħu ma' konsegwenzi sinifikanti, jew anke irriversibbli, li jistgħu ma jegħlbux (pereżempju: aċċess illeġittimu għad-dejta li jwassal għal theddida fuq il-ħajja tas-suġġetti tad-dejta, sensja, periklu finanzjarju) u/jew meta jkun ovvju li r-riskju se jseħħ (pereżempju: billi ma jkunux jistgħu jnaqqsu l-għadd ta' persuni li jaċċessaw id-dejta minħabba l-modi ta' kondiviżjoni, użu jew distribuzzjoni tagħha, jew meta vulnerabbiltà magħrufa sew ma tkunx ġiet ikkoreġuta).

**Meta l-kontrollur tad-dejta ma jkunx jista' jsib biżżejjed miżuri biex inaqqas ir-riskji għal livell aċċettabbli (jiġifieri r-riskji residwi jkunu għadhom għoljin), tkun meħtieġa konsultazzjoni mal-awtorità superviżorja[30].**

Barra minn hekk, il-kontrollur se jkollu jikkonsulta mal-awtorità superviżorja kull meta liġi ta' Stat Membru titlob li l-kontrolluri jikkonsultaw mal-awtorita superviżorja, u/jew jiksbu awtorizzazzjoni preliminari mingħandha, fir-rigward tal-ipproċessar minn kontrollur għall-prestazzjoni ta' kompitu mwettaq mill-kontrollur fl-interess pubbliku, inkluż proċessar fir-rigward ta' protezzjoni soċjali u saħħa pubblika (l-Artikolu 36(5)).

Madankollu, jinħtieġ li jiġi ddikjarat li kemm jekk hija meħtieġa konsultazzjoni mal-awtorità superviżorja abbażi tal-livell tar-riskju residwu kif ukoll jekk le, l-obbligi li jinżamm rekord tad-DPIA u tiġi aġġornata d-DPIA fi żmien debitu jibqgħu.

## IV. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Id-DPIAs huma mezz utli biex il-kontrolluri tad-dejta jimplimentaw sistemi tal-ipproċessar tad-dejta li jikkonformaw mal-GDPR u jistgħu jkunu obbligatorji għal xi tipi ta' operazzjonijiet ta' pproċessar. Huma skalabbli u jistgħu jieħdu forom differenti, iżda l-GDPR jistabbilixxi r-rekwiżiti bażiċi ta' DPIA effettiva. Il-kontrolluri tad-dejta jinħtieġ li jħarsu lejn it-twettiq ta' DPIA bħala attività utli u pożittiva li tgħin il-konformità legali.

L-Artikolu 24(1) jistabbilixxi r-responsabbiltà bażika tal-kontrollur f'termini tal-konformità mal-GDPR: "*b'kont meħud tan-natura, l-ambitu, il-kuntest, u l-għanijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji ta' probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, il-kontrollur għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi adatti biex jiżgura u jkun jista' juri li l-ipproċessar isir f'konformità ma' dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri għandhom jiġu rieżaminati u aġġornati fejn meħtieġ*".

Id-DPIA hija parti ewlenija li tikkonforma mar-Regolament meta l-ipproċessar tad-dejta b'riskju għoli jkun ippjanat jew ikun qed iseħħ. Dan ifisser li l-kontrolluri tad-dejta jinħtieġ li juaw il-kriterji

[30] Nota: "*psewdonimizzazzjoni u kriptaġġ ta' dejta personali*" (kif ukoll minimizzazzjoni tad-dejta, mekkaniżmi ta' sorveljanza, eċċ.) mhumiex neċessarjament miżuri xierqa. Huma biss eżempji. Miżuri xierqa jiddependu fuq il-kuntest u fiq ir-riskji, li huma speċifiċi għall-operazzjonijiet ta' pproċessar.

stabbiliti f'dan id-dokument biex jiddeterminaw jekk għandhiex issir DPIA jew le. Politika interna ta' kontrollur intern tista' testendi din il-lista lil hinn mir-rekwiżiti legali tal-GDPR. Dan jinħtieġ li jirriżulta f'fiduċja akbar tas-suġġetti tad-dejta u kontrolluri tad-dejta oħrajn.

Jekk ikun ippjanat proċessar b'riskju għoli, il-kontrollur tad-dejta jrid:

- jagħżel metodoloġija ta' DPIA (eżempji mogħtija fl-Anness 1) li tissodisfa l-kriterji fl-Anness 2 jew jispeċifika u jimplimenta proċess sistematiku ta' DPIA li:
  - ikun konformi mal-kriterji fl-Anness 2;
  - ikun integrat fi proċessi eżistenti ta' tfassil, żvilupp, tibdil, riskju u rieżami operazzjonali skont proċessi, kuntest u kultura interni;
  - jinvolvi l-partijiet interessati xierqa u jiddefinixxi b'mod ċar ir-responsabbiltajiet tagħhom (kontrollur, UDP, suġġetti tad-dejta jew ir-rappreżentanti tagħhom, negozji, servizzi tekniċi, proċessuri, uffiċjali tas-sigurtà tal-informazzjoni, eċċ.);
- jipprovdi r-rapport ta' DPIA għall-awtorità superviżorja kompetenti meta jintalab jagħmel dan;
- jikkonsulta l-awtorità superviżorja meta tonqos milli tiddetermina l-miżuri suffiċjenti biex jittaffa r-riskji għolin;
- perjodikament jirrieażmina d-DPIA u l-ipproċessar li jivvaluta, mill-inqas meta jkun hemm bidla tar-riskju maħluq billi tiġi proċessata l-operazzjoni;
- jiddokumenta d-deċiżjonijiet meħuda.

## Anness 1 – Eżempji ta' oqfsa eżistenti tal-UE ta' DPIA

Il-GDPR ma jispeċifikax liema proċess ta' DPIA jrid jiġi segwit iżda minflok jippermetti li l-kontrolluri tad-dejta jintroduċu qafas li jikkomplementa l-prattiki tax-xogħol eżistenti tagħhom sakemm iqisu l-komponenti deskritti fl-Artikolu 35(7). Dan il-qafas jista' jitfassal apposta għall-kontrollur tad-dejta jew komuni għal industrija partikolari. Oqfsa ppubblikati preċedentement żviluppati minn UDP tal-UE u oqfsa tal-UE għal settur speċifiku jinkludu (iżda mhux limitati għal):

Eżempji ta' oqfsa tal-UE ġeneriċi:

- DE: Standard Data Protection Model, V.1.0 – Trial version, 2016[31].
  https://www.datenschutzzentrum.de/uploads/SDM-Methodology_V1_EN1.pdf
- ES: *Guía para una Evaluación de Impacto en la Protección de Datos Personales (EIPD)*, Agencia española de protección de datos (AGPD), 2014.
  https://www.agpd.es/portalwebAGPD/canaldocumentacion/publicaciones/common/Guias/Guia_EIPD.pdf
- FR: *Privacy Impact Assessment (PIA)*, Commission nationale de l'informatique et des libertés (CNIL), 2015.
  https://www.cnil.fr/fr/node/15798
- UK: *Conducting privacy impact assessments code of practice*, Information Commissioner's Office (ICO), 2014.
  https://ico.org.uk/media/for-organisations/documents/1595/pia-code-of-practice.pdf

Eżempji ta' oqfsa tal-UE għal-settur speċifiku:

- Privacy and Data Protection Impact Assessment Framework for RFID Applications[32].
  http://ec.europa.eu/justice/data-protection/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2011/wp180_annex_en.pdf
- il-Mudell ta' Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Dejta għall-Grilji Intelliġenti u s-Sistemi ta' Kejl Intelliġenti[33]
  http://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/2014_dpia_smart_grids_forces.pdf

Standard internazzjonali jipprovdi wkoll linji gwida għal metodoloġiji użati biex issir DPIA (ISO/IEC 29134[34]).

---

[31] Rikonoxxut b'mod unanimu u pożittiv (b'astenzjoni mill-Bavarja) mit-92. Konferenza tal-Awtoritajiet Indipendenti għall-Protezzjoni tad-Dejta tal-Bund u l-Länder f'Kühlungsborn fid 9-10 ta' Novembru 2016.

[32] Ara wkoll:

- ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2009 dwar l-implimentazzjoni ta' prinċipji għall-protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta f'applikazzjonijiet li jużaw l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju
  http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32009H0387&from=EN
- l-Opinjoni 9/2011 dwar il-Proposta riveduta tal-Industrija għal Qafas għall-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Privatezza u l-Protezzjoni tad-Dejta għall-Applikazzjonijiet tal-RFID.
  http://ec.europa.eu/justice/data-protection/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2011/wp180_mt.pdf

[33] Ara wkoll l-Opinjoni 07/2013 dwar il-Mudell ta' Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Dejta għas-Sistemi ta' Grilji Intelliġenti u ta' Metraġġ Intelliġenti ("Mudell tad-DPIA") ippreparat mill-Grupp ta' Esperti 2 tat-Task Force tal-Kummissjoni dwar il-Grilji Intelliġenti. http://ec.europa.eu/justice/data-protection/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2013/wp209_mt.pdf

## Anness 2 – Kriterji għal DPIA aċċettabbli

Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 jipproponi dawn il-kriterji li l-kontrolluri tad-dejta jistgħu jużaw biex jivvalutaw jekk DPIA, jew metodoloġija biex issir DPIA, hijiex komprensiva biżżejjed biex biex tikkonforma mal-GDPR jew le:

- ☐ tingħata deskrizzjoni sistematika tal-ipproċessar (l-Artikolu 35(7)(a)):
  - ☐ jitqiesu n-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-għanijiet tal-ipproċessar (il-Premessa 90);
  - ☐ id-dejta personali, ir-riċevituri u l-perjodu li għalih tinżamm id-dejta personali ġew reġistrati;
  - ☐ tingħata deskrizzjoni funzjonali tal-operazzjoni ta' pproċessar;
  - ☐ jiġu identifikati l-assi li fuqhom jiddependu d-dejta personali (ħardwer, softwer, netwerks, persuni, karti jew mezzi ta' trażmissjoni fuq il-karta);
  - ☐ titqies il-konformità ma' kodiċi ta' kondotta approvati (l-Artikolu 35(8));
- ☐ jiġu vvalutati n-neċessità u l-proporzjonalità (l-Artikolu 35(7)(b)):
  - ☐ jiġu determinati miżuri maħsuba biex jikkonformaw mar-Regolament (l-Artikolu 35(7)(d) u l-Premessa 90), li jqisu:
    - ☐ miżuri li jikkontribwixxu għall-proporzjonalità u n-neċessità tal-ipproċessar abbażi ta':
      - ☐ skop(ijiet) speċifiku/ċi, espliċitu/i u leġittimu/i (l-Artikolu 5(1)(b));
      - ☐ legalità tal-ipproċessar (l-Artikolu 6);
      - ☐ xierqa, rilevanti u limitata għal dik li hi dejta meħtieġa (l-Artikolu 5(1)(c));
      - ☐ durata limitata tal-ħżin (l-Artikolu 5(1)(e));
    - ☐ miżuri li jikkontribwixxu għad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta:
      - ☐ informazzjoni pprovduta lis-suġġett tad-dejta (l-Artikoli 12, 13 u 14);
      - ☐ dritt ta' aċċess u ta' portabbilà tad-dejta (l-Artikoli 15 u 20);
      - ☐ dritt għal rettifika u tħassir (l-Artikoli 16, 17 u 19);
      - ☐ dritt ta' oġġezzjoni u ta' restrizzjoni tal-ipproċessar (l-Artikoli 18, 19 u 21);
      - ☐ relazzjonijiet mal-proċessuri (l-Artikolu 28);
      - ☐ salvagwardji għal trasferiment(i) internazzjonali (il-Kapitolu V);
      - ☐ Konsultazzjoni minn qabel (l-Artikolu 36).
- ☐ jiġu ġestiti riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta (l-Artikolu 35(7)(c)):
  - ☐ jiġu apprezzati l-oriġini, in-natura, il-partikolarità u s-severità tar-riskji (ara l-Premessa 84) jew, b'mod aktar speċifiku, għal kull riskju (aċċess illeġittimu, modifiki mhux mixtieqa, u għajbien ta' dejta) mill-perspettiva tas-suġġetti tad-dejta:
    - ☐ jitqiesu s-sorsi tar-riskji (il-Premessa 90);
    - ☐ jiġu identifikati impatti potenzjali għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta f'każ ta' avvenimenti inkluż aċċess illeġittimu, modifiki mhux mixtieqa u għajbien tad-dejta;
    - ☐ jiġi identifikat theddid li jista' jwassal għal aċċess illeġittimu, modifiki mhux mixtieq u għajbien tad-dejta;
    - ☐ jiġu stmati l-probabbiltà u s-severità (il-Premessa 90);
  - ☐ jiġu determinati miżuri maħsuba biex jindirizzaw dawk ir-riskji (l-Artikolu 35(7)(d) u l-Premessa 90);
- ☐ jiġu involuti partijiet interessati:
  - ☐ jitfittex il-parir tal-UPD (l-Artikolu 35(2));
  - ☐ jitfittxu l-opinjonijiet tas-suġġetti tad-dejta jew tar-rappreżentanti, fejn xieraq (l-Artikolu 35(9)).

---

[34] ISO/IEC 29134 (proġett), *Information technology – Security techniques – Privacy impact assessment – Guidelines*, Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO).